

Brussell, 16 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

10291/22

AGRI 265  
AGRILEG 99  
PHYTOSAN 24  
DELACT 90

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 3699 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 10.6.2022 li jistabbilixxi deroga mill-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, u mmanifatturati sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2007

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3699 final.

---

Mehmuż: C(2022) 3699 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.6.2022  
C(2022) 3699 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 10.6.2022**

**li jistabilixxi deroga mill-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, u mmanifatturati sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2007**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 jistabbilixxi r-reqwiziti għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ (WPM) abbażi tal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15, *ir-Regolazzjoni tal-Materjal tal-Injam għall-Imballaġġ fil-Kummerċ Internazzjonali* (ISPM15).

L-Artikolu 43(2) ta' dak ir-Regolament, *inter alia*, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex il-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikun soġġett għal rekwiżiti inqas stretti.

L-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali fuq pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli tal-Unjoni li japplikaw għal dawk l-oġġetti.

F'dak ir-rigward, dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jistabbilixxi deroga temporanja mir-reqwiziti tal-importazzjoni tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/179 awtorizzat lill-Istati Membri biex jintroduċu fl-Unjoni il-materjal tal-injam għall-imballaġġ tal-koniferi fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka. Din id-deroga skadiet fil-31 ta' Diċembru 2020.

L-Istati Uniti tal-Amerka talbu estensjoni ta' dik id-deroga kif ukoll tal-kamp ta' applikazzjoni għall-materjal tal-injam għall-imballaġġ magħmul minn injam iebes. Abbażi tal-analiżi tad-dossier ta' sostenn sottomess mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-Istati Uniti, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kaxxi kkonċernati ma jippreżentaw l-ebda riskju ta' tixrid tal-pesti tal-pjanti, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq u sabiex jitqiesu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/2031, li sar applikabbli fl-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/179 titħassar u tiġi sostitwita b'dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika sal-31 ta' Lulju 2025 sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex jiġu mmonitorjati l-vjeġġi ta' kaxxi tal-munizzjon mill-Istati Uniti u l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-“Saħħa tal-Pjanti” (E00925) ġie kkonsultat fit-23 ta' Settembru 2020, fis-26 ta' Mejju 2021, fit-22 ta' Ottubru 2021 u fis-26 ta' April 2022 u saru għadd ta' laqgħat mal-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (NPP0) tal-Istati Uniti biex il-kwistjoni tiġi diskussa fil-qafas tal-grupp ta' ħidma dwar is-saħħa tal-pjanti bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Id-diskussjonijiet informali kkontribwew għat-tnejn ta' abbozz, li ma ppreżentax kwistjonijiet kontroversjali.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq l-Artikolu 43(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031 u l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.6.2022

**li jistabbilixxi deroga mill-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti, u mmanifatturati sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2007**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2),

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/179<sup>2</sup> awtorizzat lill-Istati Membri sabiex jipprovdu għal deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE<sup>3</sup> fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ tal-koniferi (*Pinopsida*) fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti tal-Amerka. Peress li l-validità tad-Deċiżjoni skadiet fil-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li jiġu adottati regoli ġodda sabiex jippermettu l-introduzzjoni ta' tali kaxxi tal-munizzjon taħt ċerti kundizzjonijiet anke fil-futur.
- (2) L-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 jipprevedi rekwiżiti speċifiċi għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ, li jenħtieġ li jkun konformi mal-Istandard Internazzjonali tal-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 (ISPM 15): ir-Regolazzjoni tal-Materjal tal-Injam għall-Imballaġġ fil-Kummerċ Internazzjonali<sup>4</sup>, li jggarantixxi li l-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikun ġie soġġett għal trattament fitosanitarju approvat.

<sup>1</sup> ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/179 tal-4 ta' Frar 2015 li tawtorizza lill-Istati Membri sabiex jipprovdu għal deroga minn ċerta dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE rigward il-materjal tal-injam tal-koniferi (Coniferales) għall-ippakkjar fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 30, 6.2.2015, p. 38).

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

<sup>4</sup> Standard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 (ISPM 15): ir-Regolazzjoni tal-Materjal tal-Injam għall-Imballaġġ fil-Kummerċ Internazzjonali. <https://www.ippc.int/en/core-activities/standards-setting/ispms/#614>.

- (3) Ċertu materjal tal-injam għall-imballaġġ tal-koniferi (*Pinopsida*) fil-forma ta' kaxxi użati fit-trasport tal-munizzjon u manifatturati fl-Istati Uniti tal-Amerka qabel l-1 ta' Settembru 2007, kienu soġġetti għal trattamenti li mhumiex konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Anness I tal-ISPM 15 u għalhekk, ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031.
- (4) Fis-7 ta' Settembru 2018, l-Istati Uniti tal-Amerka talbu estensjoni tad-deroga skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/179 għall-materjal tal-injam għall-imballaġġ magħmul minn injam artab u estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għall-materjal tal-injam għall-imballaġġ magħmul minn injam iebes. L-Istati Uniti tal-Amerka akkumpanjaw it-talba msemmija hawn fuq b' dossier li jirrappreżenta segwitu għal analiżi tal-perkorsi preċedenti tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti fir-rigward tal-kaxxi tal-munizzjon tal-injam artab, filwaqt li kkomplementawha b' analiżi tal-perkorsi għall-kaxxi tal-munizzjon tal-injam iebes.
- (5) Il-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Uniti tal-Amerka u wara diskussjoni mal-grupp ta' esperti rilevanti dwar deroga għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon mill-Istati Uniti tal-Amerka, li l-kaxxi msemmija fil-permessa 3 u użati fit-trasport tal-munizzjon, magħmula kemm minn injam artab kif ukoll minn dak iebes, ma jippreżentaw l-ebda riskju għat-tixrid tal-pesti tal-pjanti, dment li jiġu ssodisfati ċertu kundizzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet jikkonċernaw id-data tal-produzzjoni tal-kaxxi tal-munizzjon, fl-assenza, jew fil-preżenza limitata, tal-qoxra tas-siġar, it-trattament u t-tiswija ta' tali kaxxi, kif ukoll il-ħżin u t-trasport tagħhom.
- (6) Jenħtieġ li din id-deroga tapplika biss għall-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, li ġie manifatturat qabel l-1 ta' Settembru 2007, peress li l-kaxxi mmanifatturati wara dik id-data li għaddew minn trattament f'konformità mal-ISPM 15.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li tali materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, magħmula kemm minn injam artab kif ukoll minn dak iebes, ikun jista' jiġi introdott fit-territorju tal-Unjoni, kif ukoll jinħażen u jiġi ttrasportat fih, dment li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (8) Sabiex żgur ikun hemm kontrolli effettivi u żgur ikun hemm stampa sħiħa tar-riskji fitosanitarji potenzjali, jenħtieġ li kwalunkwe operatur li jittrasporta jew li jaħżen il-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, wara l-verifiki rilevanti rispettivi, jinnotifika lill-awtorità kompetenti rispettiva dwar it-trasport jew il-ħżin tal-kaxxi kkonċernati.
- (9) Sabiex jiġi żgurat rispons rapidu għal kwalunkwe riskju fitosanitarju potenzjali li jirriżulta mill-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi tal-munizzjon li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka, jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni meta jsiru jafu b'kunsinna li ma tikkonformax mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fl-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li, fuq bażi annwali, dawn jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet li jkunu saru, sabiex tiġi vvalutata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (10) Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet għad-deroga introdotti b'dan ir-Regolament japplikaw sal-31 ta' Lulju 2025, biex ikun jista' jsir ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-miżuri

tiegħu, u biex jiġi eżaminat jekk dawn jindirizzawx b'mod effettiv ir-riskju fitosanitarju tal-importazzjoni ta' dak il-materjal tal-injam għall-imballaġġ.

- (11) Peress li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/179 diġà skadiet fil-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sabiex tiġi żgurata l-aktar introduzzjoni rapida possibbli ta' dan il-materjal tal-injam għall-imballaġġ fl-Unjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Awtorizzazzjoni biex tingħata deroga u l-kundizzjonijiet għall-kaxxi tal-munizzjon**

Il-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-forma ta' kaxxi, li attwalment jintuża fit-trasport tal-munizzjon, manifatturat qabel l-1 ta' Settembru 2007, u li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerka taħt il-kontroll tad-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti ("il-kaxxi"), huwa eżentat mir-rekwiżiti tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, meta:

- (a) il-kaxxi jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament; u
- (b) r-rekwiżiti f'konformità mal-Artikoli 2, 3 u 4 huma ssodisfati.

### *Artikolu 2*

#### **Obbligu ta' notifika**

1. L-importatur għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul dwar l-intenzjoni tiegħu li jintroduċi l-kunsinna mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol qabel tiġi introdotta l-kunsinna bħalma ppjanat, kif imsemmi fl-Artikolu 1. Fl-istess perjodu, l-importatur għandu jipprovdi wkoll l-istess notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru bl-ewwel post tal-ħżin, meta dak il-post ikun differenti mill-punt tad-dħul.
2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:
  - (a) id-data prevista tal-introduzzjoni;
  - (b) l-inventarju tal-kunsinna kkonċernata li jidentifika l-kaxxi li jagħmlu parti minnha;
  - (c) l-isem u l-indirizz tal-importatur;
  - (d) l-indirizz tal-punt tad-dħul tal-introduzzjoni prevista;
  - (e) l-indirizz tal-ewwel post tal-ħżin, meta dan ikun differenti mill-punt tad-dħul.

### *Artikolu 3*

#### **Kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul għandhom jivverifikaw id-disponibbiltà u l-kompletezza tad-dokument deskritt fil-punt 7 tal-Anness. Huma għandhom jivverifikaw ukoll il-konformità ta' kampjun rappreżentattiv minn kull kunsinna mal-punti li ġejjin tal-Anness:
  - (a) il-punti (1) u (2) dwar il-wiri tal-marki rispettivi;
  - (b) il-punt (3) dwar il-kaxxi msewwija;

- (c) il-punt (4) dwar l-assenza tal-qoxra tas-siġar;
  - (d) il-punt (5) dwar il-livell tal-kontenut tal-umdità;
2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn l-ewwel post tal-ħżin ikun differenti mill-punt tad-dħul, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ewwel post tal-ħżin għandhom iwettqu l-verifika deskritta f'dak il-paragrafu.

#### *Artikolu 4*

##### **Ħżin u ċaqliq tal-kaxxi**

1. Qabel u wara t-twettiq tal-kontrolli msemmija fl-Artikolu 3, il-kaxxi għandhom jibqgħu maħżuna f'bini magħluq.
2. Kwalunkwe trasport tal-kaxxi jista' jsir biss f'kontenituri magħluqa, jew b'għata protettiva sħiħa.

#### *Artikolu 5*

##### **Notifika ta' nuqqas ta' konformità**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull kunsinna li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Dik in-notifika għandha ssir sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn dak inhar li l-awtorità kompetenti ssir taf b'kunsinna b'hal din.

#### *Artikolu 6*

##### **Rappurtar dwar l-importazzjonijiet**

Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istat Membru tal-ewwel post tal-ħżin għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-informazzjoni dwar l-għadd ta' kunsinni introdotti fit-territorji tagħhom u b'rapport dwar il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 3, imwettqa bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

#### *Artikolu 7*

##### **Data ta' skadenza**

Dan ir-Regolament għandu jiskadi fil-31 ta' Lulju 2025.

#### *Artikolu 8*

##### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.6.2022

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*